MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2015

Talba Numru. 321/2013

**Mobisle Communications Limited**
**C24655**

**vs**

**Jean Paul Chetcuti**
**ID305486-M**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-Socjeta' attrici talbet illi l-konvenut ghandu jhallas lis-Socjeta' attrici s-somma ta' elf, tlett mija u hmistax-il ewro, hamsa u sittin centezmi (€1,315.65c) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta' kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C50982236 moghtija mis-Socjeta' attrici skont l-annessi dokumenti mmarkati Dok.'IZY1' u Dok.'IZY2' – prospett u ftehim ghall-akkont relattiv u Dok.'IZY3' – estratt mir-Registru

Elettorali, u Dok.'IZY4' – kopja ta' ittra ufficjali a tenur tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12.

Illi l-konvenut gie interpellat sabiex ihallas izda baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut, li permezz taghha eccepixxa; (i) Illi huwa mhux debitur tas-Socjeta' attrici fl-ebda somma u tali pretensjonijiet u talbiet huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda minn dan l-Onorabbli Tribunal; (ii) Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost il-kreditu pretiz mis-Socjeta' attrici huwa inezistenti stante li l-linja ta' komunikazzjoni mertu tal-kawza ilha snin imwaqqfa minghajr ma tintuza mill-eccipjenti wara li huwa kien ikkomunika mas-Socjeta' attrici li insteraqlu l-mobile tieghu u talab ghas-sospensjoni immedjata tas-servizz; (iii) Salv kull eccezzjoni ohra skond il-ligi.

Bl-ispejjez kontra s-Socjeta' attrici li hija ngunta ghas-Subizzjoni.

Semgha d-deposizzjoni tal-konvenuti, u ra d-dokumenti li gewipprezentati mis-Socjeta' attrici mal-Avviz tat-Talba, u li gew immarkati minn Dok.'IZY1' sa Dok.'IZY3'.

Semgha t-Trattazzjoni.

Ikkunsidra,

Illi l-konvenut iddikjara illi hu tilef il-mobile, jew insteraqlu, fl-ahhar tax-xahar ta' April, 2011, u ddikjara li jiftakar id-data b'tant precizjoni, ghaliex jaf illi l-ghada kienet festa. Illi hu ddikjara li nforma lis-Socjeta' konvenuta dwar dan l-istat ta' fatt l-ghada tal-festa, u nformahom wkoll illi ma kellux aktar interess illi jzomm din il-linja attiva, u li ghalhekk xtaq iwaqqaf is-servizz. Illi l-konvenut iddikjara illi ma rcieva ebda rendikont jew fatturi minghand is-Socjeta' attrici b'talba ghall-hlas, sakemm eventwalment ircieva l-atti ta' din il-kawza.

Ikkunsidra,

Illi in forza ta' ftehim datat 13 ta' Ottubru, 2009, il-konvenut inghata mis-Socjeta' attrici mobile phone kif ukoll is-servizz ta' linja ghal dan il-mobile phone, u dan skond il-pattijiet u kundizzjonijiet rizultanti mill-ftehim imsemmi. Illi l-konvenut iddikjara illi dan il-mobile phone insteraq, jew tilfu fl-ahhar ta' April, 2011, u ddikjara wkoll illi hu 'nforma lis-Socjeta' attrici minnufih dwar dan. Illi din il-verzjoni tal-fatti mghotija mill-konvenut hija korroborata mir-rendiont li gie pprezentat mis-Socjeta' attrici (Dok.'IZY1' a fol.2 tal-atti), minn fejn jirrizulta illi kien qed isir uzu regolari minn dan is-servizz sal-ahhar ta' April 2011, u cioe' sad-data tal-kont li nhareg fl-1 ta' Mejju, 2011. Illi minn dik id-data 'l quddiem, ma jidhirx illi kien hemm aktar uzu mis-servizz, u f'dan l-istess rendikont hemm biss indikat it-tariffa mensili dovuta ai termini tal-*pay monthly package*.

Illi t-Tribunal jinnota illi dan il-ftehim li gie ffirmat mill-konvenut u rapprezentant tas-Socjeta’ attrici jipprovdi ghall-imposizzjoni ta’ penali fuq il-konvenut f’kaz li l-kuntratt jigi terminat qabel l-eghluq ta’ sentejn mid-data tal-istess kuntratt. Madanakollu, ma jidhirx illi s-Socjeta’ attrici qed titlob il-hlas ta’ din il-penali. Fi kwalunkwe kaz, u tenut kont tal-fatt illi l-konvenut accetta t-termini u kundizzjonijiet kif kontenuti fil-kuntratt relattiv, inkluz illi l-kuntratt kellu jibqa’ fis-sehh ghal perjodu ta’ sentejn, allura t-Tribunal ser jghaddi sabiex jordna lill-konvenut ihallas lis-Socjeta’ attrici dak l-ammont, rizultanti mir-rendikont, li akkumula sal-kont rilaxxjat fl-1 ta’ Ottubru, 2011. Illi dan qed jinghad fid-dawl tal-fatt illi ma ngabet ebda prova dokumentali minn xi parti jew ohra illi dan il-kuntratt gie terminat bi ftehim bejniethom qabel iz-zmien. Illi ghalhekk l-ammont dovut mill-konvenut jammonta ghal elf, mija tnejn u tmenin ewro, hamsa u sebghin centezmu (€1,182.75c).

Illi dwar l-ittra ufficjali mibghuta miss-Socjeta’ attrici lill-konvenut, datata 28 ta’ Settembru 2012, u li kopja taghha tinsab esebita a fol.6 tal-atti (Dok.‘IZY4’), it-Tribunal jinnota illi dan l-att ma giex notifikat lill-konvenut. Illi ghalhekk il-konvenut m’ghandhux jigi tenut li jhallas l-ispejjez relattivi ghal tali ittra ufficjali.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-Socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-Socjeta’ attrici s-somma ta’ elf, mija tnejn u tmenin ewro, hamsa u sebghin centezmu (€1,182.75c), bl-imghax mid-data tal-prezenti.

L-ispejjez ta’ din l-azzjoni jkunu a karigu tal-konvenut, b’dan illi l-ispejjez tal-ittra ufficjali bin-numru ta’ referenza 2140/2012 ghandhom jigu sopportati mis-Socjeta’ attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------